# POLITIKA TAL-IMPJIEGI

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 huwa l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u ta' impjiegi aħjar. L-istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi (EES), bil-proċess ta' monitoraġġ tagħha u l-istrumenti ta' finanzjament konnessi, tikkontribwixxi għal "koordinazzjoni flessibbli". Il-leġiżlazzjoni tal-UE hija rilevanti f'ċerti oqsma anke jekk ir-responsabilità għall-politika soċjali u l-impjiegi tinsab primarjament f'idejn il-gvernijiet nazzjonali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8-10, 145-150, 156-159 u 162-164 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Fost il-prinċipji, l-għanijiet u l-attivitajiet importanti msemmijin fit-TFUE hemm il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi bl-iżvilupp ta' strateġija koordinata, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħolqien ta' forza tax-xogħol kompetenti, imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol li jwieġbu għal bidliet ekonomiċi. Skont il-klawsola orizzontali tal-Artikolu 9 tat-TFUE, fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-UE jrid ikun ikkunsidrat l-objettiv ta' impjieg ta' livell għoli.

## IL-KISBIET

**A.** Mill-istadji bikrin (mis-snin ħamsin sas-snin disgħin) għall-istrateġija Ewropa 2020

Sa mis-snin ħamsin, il-ħaddiema kienu qed jibbenefikaw minn "għajnuna ta' adattament" fil-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA). Kienet ingħatat għajnuna lil dawk il-ħaddiema fis-setturi tal-faħam u l-azzar li l-impjieg tagħhom kien mhedded minn ristrutturar industrijali. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) (2.3.2. Il-Fond Soċjali Ewropew), maħluq fil-bidu tas-snin sittin, kien l-arma ewlenija fil-ġlieda kontra l-qgħad.

Fis-snin tmenin u fil-bidu tas-snin disgħin, il-programmi ta' azzjoni dwar l-impjiegi kienu ffukati fuq gruppi destinatarji speċifiċi, kif ukoll twaqqfu għadd ta' sistemi ta' osservazzjoni u ta' dokumentazzjoni.

F'kuntest ta' rata ta' qgħad għolja f'ħafna pajjiżi tal-UE, il-White Paper dwar it-Tkabbir, il-Kompetittività u l-Impjiegi (1993) nediet dibattitu dwar l-istrateġija ekonomika u tal-impjiegi tal-UE billi għall-ewwel darba l-kwistjoni tal-impjiegi saret prijorità ewlenija tal-aġenda Ewropea.

It-titolu l-ġdid dwar l-Impjiegi fit-Trattat ta' Amsterdam, li daħal fis-seħħ f'Mejju 1999, ipprovda l-bażi biex titwaqqaf l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi kif ukoll Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) stabbilit b'mod permanenti abbażi tat-Trattat b'funzjoni ta' konsulenza bil-għan li jippromwovi l-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi u s-suq tax-xogħol. Il-kompetenza għall-politika dwar l-impjiegi, madankollu, tibqa' primarjament f'idejn l-Istati Membri. L-inklużjoni ta' "protokoll soċjali" fit-Trattat saħħaħ l-involviment tas-sħab soċjali (2.3.7. Id-djalogu soċjali).

Is-Summit straordinarju tal-Lussemburgu dwar l-Impjieg f'Novembru 1997 nieda l-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi (EES) flimkien mal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni – magħruf bħala l-proċess tal-Lussemburgu, li huwa ċiklu annwali ta' koordinazzjoni u monitoraġġ tal-politiki nazzjonali dwar l-impjiegi msejjes fuq l-impenn tal-Istati Membri li jistabbilixxu ġabra ta' għanijiet u miri komuni.

L-EES stabbiliet livell għoli ta' impjieg fuq l-istess bażi bħal dak tal-għanijiet makroekonomiċi ta' tkabbir u stabilità.

Fis-sena 2000, il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona qabel dwar l-għan strateġiku l-ġdid li l-UE ssir "l-ekonomija l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja bbażata fuq l-għarfien", li tħaddan l-impjieg għal kulħadd bħala l-objettiv ġenerali tal-politika soċjali u l-impjiegi, filwaqt li tistabbilixxi objettivi konkreti li jridu jintlaħqu sal-2010 (l-istrateġija ta' Lisbona).

L-EES ġiet riveduta fl-2002 u mnedija mill-ġdid fl-2005 b'attenzjoni partikolari fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Sabiex jiġu semplifikati u allinjati l-proċessi, ġie introdott kalendarju pluriennali (l-ewwel ċiklu jkun bejn l-2005 u l-2008) filwaqt li l-linji gwida dwar l-impjiegi ġew integrati fil-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (BEPG).

Fl-2010, wara l-kriżi finanzjarja, l-istrateġija Ewropa 2020 ġiet adottata u s-Semestru Ewropew kien introdott bħala l-mekkaniżmu li jikkoordina l-politika finanzjarja u ekonomika.

Din l-istrateġija għall-impjiegi u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, fuq perjodu ta' 10 snin, iddefiniet għall-ewwel darba għadd ta' objettivi ewlenin, inkluż:

— is-suq tax-xogħol: żieda fil-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni fl-età ta' bejn l-20 u l-64 sena għal 75% sal-2020;

— l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar: li jitneħħew mill-inqas 20 miljun persuna mir-riskju ta' faqar u esklużjoni;

— it-titjib fil-kwalità u fil-prestazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ: li jitnaqqas il-proporzjon ta' tluq bikri mill-iskola għal 10% (minn 15%), u li l-proporzjon ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena li jkunu kisbu livell ta' edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti jiżdied għal mill-inqas 40% (minflok 31%).

Il-ħames objettivi ewlenin kollha kellhom jiġu tradotti mill-Istati Membri f'objettivi nazzjonali, li jqisu l-pożizzjonijiet inizjali u ċ-ċirkostanzi nazzjonali relattivi tagħhom.

Iċ-ċiklu ta' monitoraġġ għall-politiki tal-impjiegi jinkludi l-komponenti li ġejjin:

— Linji gwida dwar l-Impjiegi, imfassla mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill;

— Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, ippubblikat mill-Kummissjoni u adottat mill-Kunsill;

— Il-pjanijiet tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR);

— Rapporti u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), imfassla mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill.

Il-linji gwida dwar l-impjiegi (l-Artikolu 148 tat-TFUE) jippreżentaw objettivi strateġiċi għall-politiki nazzjonali dwar l-impjiegi u jinkludu prijoritajiet ta' politika fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Dawn jiġbru flimkien il-prijoritajiet politiċi ma' għadd ta' elementi ewlenin li għadhom għaddejjin. Erba' linji gwida dwar l-impjiegi jiffurmaw parti mill-10 linji gwida integrati, li jinkludu wkoll sitt linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 121 tat-TFUE).

Fl-2018, il-linji gwida dwar l-impjiegi ġew allinjati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2.3.1. Il-politika soċjali u tal-impjiegi: il-prinċipji ġenerali). Bi qbil mal-Parlament Ewropew, dawn se jibqgħu validi anke fl-2019. L-aktar linji gwida reċenti (2020) jintegraw l-erba' dimensjonijiet tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS), u b'mod partikolari d-dimensjoni tas-sostenibbiltà tagħha, li jirriflettu n-narrattiva tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Jannar 2020 intitolata "Ewropa Soċjali Aktar b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti", u jintegraw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU. Dawn jikkonċernaw erba' oqsma:

— tingħata spinta lid-domanda għax-xogħol (il-ħolqien ta' impjiegi, it-tassazzjoni tax-xogħol, l-iffissar tal-pagi);

— it-tisħiħ tal-provvista ta' ħaddiema u t-titjib fl-aċċess għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-kompetenzi;

— il-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali;

— il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar.

**B.** Atti legali vinkolanti – id-dritt tal-UE

Abbażi tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-oqsma tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, ġew adottati għadd ta' direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet biex jiżguraw standards minimi fl-Istati Membri kollha tal-UE fl-oqsma li ġejjin:

— is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; id-drittijiet u l-obbligi ġenerali u speċifiċi, it-tagħmir fuq il-post tax-xogħol, ir-riskji speċifiċi, eż, sustanzi perikolużi, karċinoġeni (2.3.5. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol)

— opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel: trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol, tqala, il-liv tal-maternità, il-liv tal-ġenituri (2.3.9. Il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni)

— il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali (2.3.9. Il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni)

— il-kondizzjonijiet tax-xogħol: ix-xogħol part-time, il-kuntratti b'terminu fiss, is-sigħat ta' xogħol, l-impjieg taż-żgħażagħ, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-

impjegati (2.3.6. Id-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni; 2.3.7. Id-djalogu soċjali)

— servizzi ta' appoġġ: id-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) imġedda għal seba' snin oħra (2021-2027) f'Novembru 2020.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tappoġġa wkoll il-libertajiet fundamentali li jirregolaw il-moviment ta' persuni, servizzi u kapital fi ħdan l-UE (is-suq uniku):

— il-moviment liberu tal-ħaddiema; it-trattament ugwali, l-aċċess għall-benefiċċji soċjali (2.1.5. Il-moviment liberu tal-ħaddiema)

— l-istazzjonar tal-ħaddiema: it-tul ta' żmien, il-paga, is-setturi koperti (2.1.13. L-istazzjonar tal-ħaddiema)

**C.** Il-koordinazzjoni permezz ta' rakkomandazzjonijiet u inizjattivi oħra ta' politika:

Minbarra l-hekk imsejħa "liġi vinkolanti" elenkata hawn fuq, miżuri ulterjuri jgħinu biex tiżdied il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE permezz ta' "liġi mhux vinkolanti". Liġi mhux vinkolanti tinkludi r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li huma atti legali mhux vinkolanti, u inizjattivi oħra ta' politika maħruġa mill-Kummissjoni. Dawn jista' jkollhom impatt konsiderevoli, jekk ikunu mħejjija, appoġġati u sorveljati sew fil-livell tal-UE. Inizjattivi importanti ta' politika tal-UE jinkludu, pereżempju:

— ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (April 2013) li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ, bil-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ kollha li għandhom anqas minn 25 sena jirċievu offerta għal impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jitilfu l-impjieg jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali. F'riżoluzzjoni adottata fit-8 ta' Ottubru, il-Parlament esprima x-xewqa tiegħu li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ issir vinkolanti;

— l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati (tnediet f'Lulju 2013);

— ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għall-Apprendistati (Marzu 2014);

— ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (Frar 2016);

— il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (2016) għaż-żgħażagħ, li jiffoka fuq l-għoti tal-għajnuna fil-każ ta' diżastri naturali jew għajnuna biex ikunu indirizzati kwistjonijiet soċjali fil-komunitajiet;

— l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa (Ġunju 2016). Dan il-pakkett ta' politika ġabar flimkien 10 azzjonijiet ewlenin biex iċ-ċittadini jiġu mgħammra bil-ħiliet li huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Bil-għan li tibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet tal-2016, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni ppreżentat pjan ġdid għall-ħames snin biex tgħin lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw aktar u jtejbu l-ħiliet. Fih 12-il azzjoni ffukati fuq il-ħiliet għall-impjiegi, sabiex jiġi żgurat li d-dritt għat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja jsir realtà fl-Ewropa kollha.

Biex jitjiebu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll il-protezzjoni soċjali u l-mobilità ġusta, it-tliet istituzzjonijiet Ewropej appoġġaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

fi proklamazzjoni komuni f'Novembru 2017,(2.3.1. Il-politika soċjali u tal-impjiegi: il-prinċipji ġenerali).

F'Mejju 2020, b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha, ġie stabbilit strument Ewropew ġdid għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE). Huwa jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri biex jipproteġu l-impjiegi u l-ħaddiema permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili.

**D.** Appoġġ għal strumenti ta' finanzjament tal-UE

Għadd ta' programmi ta' finanzjament tal-UE jappoġġaw l-iżvilupp tal-programmi, il-miżuri u l-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri:

— il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jappoġġa firxa wiesgħa ta' inizjattivi fl-Istati Membri. Barra minn hekk, fi Frar 2013, il-Kunsill Ewropew qabel li joħloq Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) biex jilħaq żgħażagħ fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena li la huma f'impjieg u lanqas f'edukazzjoni jew taħriġ (NEETs) f'reġjuni partikolarment affettwati mill-qgħad (2.3.2. Il-Fond Soċjali Ewropew);

— il-programm tal-UE għall-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali (EaSI), adottat mill-Parlament u l-Kunsill, jgħaqqad flimkien tliet programmi (PROGRESS – Programm għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali; EURES - Is-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi; u Intraprenditorija Mikrofinanzjarja u Soċjali);

— il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) jappoġġa lil dawk li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet strutturali fix-xejriet kummerċjali dinjija.

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta li tirregola l-appoġġ għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għall-perjodu 2021–2027. L-FSE+ jgħaqqad għadd ta' fondi u programmi, b'mod partikolari l-FSE, il-YEI u l-programm EaSI. L-FSE+ u l-FEG se jikkomplementaw lil xulxin, peress li l-FSE+ jappoġġa miżuri preventivi u antiċipattivi, filwaqt li l-FEG jibqa' fond ta' emerġenza reattiv, barra mill-qafas finanzjarju pluriennali.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni pproponiet pjan ta' rkupru importanti għall-Ewropa, li jemenda l-proposta oriġinali tal-FSE+. Il-pjan il-ġdid għandu l-għan li jsewwi l-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari billi jipproteġi u joħloq l-impjiegi (2.3.2. Il-Fond Soċjali Ewropew).

Sabiex tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw ir-rispons tagħhom għall-COVID-19, il-Kummissjoni nediet ukoll l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII). Il-fondi se jsostnu sistemi tal-kura tas-saħħa, impriżi żgħar u ta' daqs medju, swieq tax-xogħol u partijiet vulnerabbli oħra tal-ekonomiji tal-pajjiżi tal-UE.

Barra minn hekk, biex tiffinanzja l-istrument SURE, il-Kummissjoni ħarġet bonds soċjali SURE.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-rwol tal-Parlament f'dan il-qasam żviluppa gradwalment. Sa minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam, il-Parlament jeħtieġ li jkun ikkonsultat fir-rigward tal-linji gwida dwar l-impjiegi qabel ma dawn jiġu adottati mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni saħħaħ ir-rwol tal-parlamenti – mhux biss tal-Parlament

Ewropew, imma wkoll dak tal-parlamenti nazzjonali, li għandhom ikunu involuti biex jiġu stabbiliti u milħuqa l-objettivi nazzjonali.

Il-Parlament appoġġa bis-sħiħ l-Istrateġija Ewropa 2020. Għadd ta' inizjattivi bil-għan li jiġġieldu l-qgħad taż-żgħażagħ joħorġu minn proposti tal-Parlament favur azzjonijiet konkreti u prattiċi, fosthom il-Garanzija tal-UE għaż-Żgħażagħ u standards minimi dwar l-internships. Sa mill-2010, il-Parlament appoġġa bis-sħiħ l-istabbiliment ta' Skema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, u qed jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2014, hu talab li jiġi żviluppat qafas legali tal-UE li jintroduċi standards minimi għall-implimentazzjoni tal-garanzija għaż-żgħażagħ, – inkluża l-kwalità tal-apprendistati – li jkopri żgħażagħ fl-età ta' bejn il-25 u t-30 sena. F'riżoluzzjoni dwar il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE adottat fl-2018, il-Parlament talab żieda sinifikanti fil-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ. Barra minn hekk, il-Parlament appoġġa l-approċċ meħud mir-Rakkomandazzjoni dwar il-qgħad fit-tul fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2015. Il-ħidma intensiva tal-Parlament dwar l-iżvilupp tal-ħiliet kellha impatt fuq l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda għall-Ewropa maħruġa mill-Kummissjoni f'Ġunju 2016.

**Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Marzu 2019 dwar is-Semestru Ewropew** tisħaq li l-għanijiet soċjali u l-impenji tal-UE huma importanti daqs l-għanijiet ekonomiċi tagħha.

Sa mit-tifqigħa tal-COVID-19, il-Parlament ilu jipprova jtaffi l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol. F'riżoluzzjoni dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar l-Impjiegi adottata fl-10 ta' Lulju 2020, il-Membri tal-PE appellaw għal miżuri radikali biex jittaffa x-xokk ikkawżat mill-pandemija, b'mod partikolari reviżjoni tal-linji gwida li ġejjin fid-dawl tas-sitwazzjoni, u l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ permezz ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ imtejba.

Regina Konle-Seidl / Zahra Boudalaoui-Buresi
12/2020